MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**MARIO SCERRI**

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2009

Talba Numru. 46/2006

Pauline Spiteri
vs

Charles Pisani ghan-nom ta' G. Pisani Marketing Limited

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba pprezentat fil-31 ta' Ottubru 2009, li jghid hekk :-

'Illi l-attrici kienet ilha mpjegata mas-socjeta' G. Pisani Marketing Limited sa mis-sena elf disa' mija u erbgha u disghin (1994) ;

Illi fis-27 ta' Frar 2006, wara xi jiem ta' *sick leave* hija giet impeduta milli tidhol ghax-xoghol mill-*employer* taghha permezz ta' telefonata, u dan minghajr ebda raguni valida u accettabbli skond il-ligi ;

Illi wara li l-istess rikorrenti kkuntattjat lid-Dipartiment tal-ETC, hija giet informata illi fir-*records* taghhom kien hemm

dokumentat illi gie ddikjarat mis-socjeta' G. Pisani Marketing Ltd., illi hija **irrizenjat** minn dan l-impjieg ;

Illi ghalkemm avzat lill-*employer* taghha b'din id-dikjarazzjoni inveritiera, is-socjeta' intimata baqghet ma ghamlet xejn biex tikkoregi tali dikjarazzjoni ;

Illi fil-verita' r-rikorrenti kienet disposta illi tidhol u tkompli tidhol ghax-xoghol kif fil-fattipprovat taghmel zda l-*employer* taghha assolutament ma riedx, minghajr ma ta ebda raguni valida skond il-ligi ;

Illi sa din id-data ir-rikorrenti kienet ilha tahdem ma' din is-socjeta' ghal tnax (12) –il sena konsekuttivi ;

Illi dakinhar illi giet imkeccija mix-xoghol taghha ingustament u illegalment hija kienet intitolata ghal tnax –il gimgha paga tan-*notice period* ai termini tal-artikolu 36(5) tal-Employment and Industrial Relations Act ;

Illi b'referenza ghall-ahhar FS3 dan jammonta ghas-somma ta' seba' mitt lira Maltin u sitta u hamsin centezmu (Lm700.56), li sallum ghadha ma thallset l-ebda ammont minnhom, ghalkemm interpellat lill-*employer* taghha sabiex jaghmel dan permezz ta' ittra legali datata it-tnejn (2) ta' Marzu 2006 ;

Illi s-socjeta' intimata baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza,

Ghaldaqstant l-attrici titlob bir-rispett lil dan it-Tribunal joghgbu :

1. Jordna lis-socjeta' intimata thallas il-bilanc ta' seba' mitt lira u sitta u hamsin centezmi (Lm700.56) lir-rikorrenti, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dekorribbli skond il-ligi ;
2. Jordna illi d-dikjarazzjoni li saret mis-socjeta' intimata mal-ETC biex tikkonforma mal-verita' fi zmien previst minnha.'

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta pprezentata fl-4 ta' Dicembru 2006, li permezz taghha giet ikkontestata t-talba attrici :

'(1) Illi t-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt stante illi kienet hija stess illi telqet mill-post tax-xoghol taghha meta tat ir-rizenja taghha b'mod verbali lil Charles Pisani, kif jigi dettaljatament ippruvat fil-mori tal-kawza ;

(2) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-tieni talba kontenuta fl-Avviz ma tistax tintlaqa' stante li l-kompetenza ta' dan it-Tribunal hija limitata biss ghal money claim ;

(3) Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt.'

Sama' l-provi li ressqu l-partijiet.

Ra l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Ra' s-sentenza parzjali tas-27 ta' Mejju 2009, li permezz taghha dan it-Tribunal iddispona mit-tieni talba attrici u mill-eccezzjoni ulterjuri mqajma mis-socjeta' konvenuta.

Sama' lid-difensuri tal-partijiet.

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidra :

Din hija kawza fejn l-attrici qed titlob il-hlas ta' somma fl-ammont ta' sebgha mitt lira Maltin u sitta u hamsin centesimi (Lm700.56), illum ekwivalenti ghal elf sitt mija u wiehed u tletin Euro u sitta u tmenin centesimi (€1631.86) f'pagi ghal dak iz-zmien preskritt bil-ligi sakemm ghalaq iz-zmien tal-avviz tat-temm tal-impjieg taghha minn mas-socjeta' konvenuta, li l-attrici tippretendi li ghandha jedd ghalih skond il-ligi wara li l-principal taghha temmilha l-impjieg taghha hesrem u naqas li jhalliha tibqa' tahdem mieghu lanqas sakemm ghalaq l-istess z-zmien wara li giet avzata bit-temm tal-impjieg taghha.

Dan it- Tribunal jinsab rinfaccjat b’verzjonijiet kontrastanti tal-partijiet fis-sens min minnhom ta l-avviz tat-temm tal-impjieg. Minn naha l-wahda hemm l-attrici li tikkontendi li hija riedet li tibqa’ tkompli fl-impjieg taghha mas-socjeta’ konvenuta, u kienet is-socjeta’ konvenuta li temmitilha l-impjieg taghha  b’effett immedjat b’semplici avviz bil-fomm minghajr ebda raguni valida fil-ligi filwaqt li s-socjeta’ konvenuta ssostni li kienet l-istess attrici li minn jeddha tefghet ir-rizenja taghha billi taghat lis-socjeta’ konvenuta l-avviz tat-temm tal-impjieg taghha u waqqfet illi tibqa’ tahdem b’effett immedjat il-ghaliex kellha opportunita’ li tmur tahdem ma’ haddiehor. Li mhemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet hija dwar in-natura tal-impjieg li kellha l-attrici mas-socjeta’ konvenuta li kien wiehed ghal zmien bla limitu. Dan it-Tribunal jaghmilha cara li mhuwiex ser jidhol fil-kwistjoni jekk it-temm tal-impjieg li kellha l-attrici mas-socjeta’ konvenuta kienx wiehed gustifikat jew jekk kienx hemm tkeccija ngusta billi dwar dawn l-aspetti tal-kwistjoni huwa biss it-Tribunal Industrijali li ghandu gurisdizzjoni esklussiva li jikkunsidrahom u li jiddeciedi dwarhom. Fil-fatt bejn il-partijiet jirrizulta li hemm ukoll kaz quddiem it-Tribunal Industrijali dwar tkeccija ngusta li ghadu *sub judice*, liema kaz igib in-numru 2379/MF, u dan it-Tribunal jaghmilha cara wkoll li decizjoni f’din il-kawza bl-ebda mod m’ghandha tinfluwixxi fuq l-ezitu tal-kaz quddiem it-Tribunal Industrijali.

Huwa pacifiku f'materja ta' konflitt ta' verzjonijiet illi l-Qorti ‘tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha : (i) Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra ;  u  (ii) Fin-nuqqas, tigi applikata l-massima *actore non probante reus absolvitur*. Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke’ fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant.’ [Appell Inferjuri, **Maria Xuereb vs Clement Gauci et**, 24/03/2004]. Inghad ukoll li ‘l-konflitt fil-provi huma haga li

l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosomiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant. Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-preponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoi. Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' *in dubio pro reo*. Fil-fatt huwa wkoll principju assodat fil-gurisprudenza taghna illi l-verosimiljanza hija forma ta' korroborazzjoni.' [Prim' Awla, **George Bugeja vs Joseph Meilak**, 30/10/2003].

Dan it-Tribunal fela bil-reqqa l-provi kollha u b'mod partikolari x-xhieda tal-partijiet, u ma jarahiex xejn verosimili x-xhieda tal-konvenut Charles Pisani, rapprezentant tas-socjeta' konvenuta, li minkejja li skond hu kienet l-attrici li minn jeddha kienet tefghet ir-rizenja taghha mix-xoghol li kellha mas-socjeta' konvenuta u minn jeddha wkoll temmet l-impjieg taghha b'effett immedjat billi taghtu semplici avviz ta' dan, u minghajr ma ssoktat tahdem lanqas ghal dak iz-zmien li titlob il-ligi sakemm ghalaq iz-zmien tal-avviz, hu kien offrielha li jhallasha ta' erbgha gimghat paga oltre l-paga li l-attrici kien ghad fadlilha li tithallas taz-zmien ta' kemm kienet hadmet u li kienet ghadha ma thallsitx tieghu. Ghal dan it-Tribunal pero' dan ma jaghmilx sens li lill-attrici kienet saritilha din l-offerta tal-flus meta fic-cirkostanzi s-socjeta' konvenuta kellha dritt hi bhala principal li tesigi hlas skond

il-ligi minghand l-attrici talli din tal-ahhar kienet naqqset li taghtiha l-avviz tat-temm tal-impjieg taghha skond il-ligi, u mhux *vice versa* [artikolu 36(10) tal-Kap.452]. La darba skond is-socjeta' konvenuta kienet l-attrici li tefghet ir-rizenja taghha mix-xoghol b'effett immedjat il-ghaliex kienet sabet xoghol ma' haddiehor minghajr ma taghat lill-principal taghha l-avviz fi zmien li titlob il-ligi, hija jidrilha li lill-attrici m'ghandhiex thallasha l-paga ghal dak iz-zmien li l-attrici baqghet ma hadmitx sa meta ghalaq iz-zmien ta' l-avviz. Dan it-Tribunal mhuwiex konvint mill-verzjoni moghtija minn Charles Pisani li kienet l-attrici li ghazlet li ma tissoktax tibqa' tahdem  mas-socjeta' konvenuta sakemm jaghlaq iz-zmien tal-avviz il-ghaliex kienet gia' sabet impjieg iehor u li skond hu bdiet ma' dan –il haddiehor f'temp ta' hmistax il-gurnata, li nzerta wkoll li dan –il haddiehor kien kompetitur tieghu fin-negozju. Lanqas ma huwa konvint dan it-Tribunal mir-relazzjoni tajba li x-xhud Charles Pisani ddeskriva li kien hemm bejn il-kumpanija u l-attrici, il-ghaliex certament li kieku dan kien il-kaz lanqas ma kienu ser jinqalghu kwistjonijiet dwar ir-raguni moghtija mis-socjeta' konvenuta lill-Korporazzjoni Tax-Xoghol u Tahrig tat-temm tal-impjieg taghha li baqghet imtliet biss mis-socjeta' konvenuta, u l-attrici kellha ssir taf b'dan kollu u x'kienet ir-raguni li kienet giet moghtija mis-socjeta' konvenuta lil ETC meta marret tivverifika fl-ufficcju tal-Korporazzjoni hawn f'Ghawdex. Dan kollu qed jigi osservat indipendentement minn min mill-partijiet kien ta l-avviz tat-temm tal-impjieg, pero' skond il-ligi anke' jekk l-avviz is-socjeta' konvenuta rcevietu minghand l-attrici kif qed issostni, is-socjeta' konvenuta riedet taghzel biex ma tispiccax  fir-riskju li tigi rinfaccjata bil-konsegwenzi kollha legali, billi jew li thalli anzi' tesigi li l-attrici tkompli tahdem sakemm iz-zmien tal-avviz jaghlaq, u fin-nuqqas li taghmel dan thallas lill-attrici dik is-somma li tkun daqs il-paga li jkun imissha tithallas dwar iz-zmien ta' l-avviz sa meta ghalaq l-istess zmien [artikolu 36(9) tal-Kap.452].

L-attrici pero' qed tibbaza l-pretensjoni taghha fuq l-artikolu 36(8) tal-Kap.452 billi skond hi, kienet is-socjeta' konvenuta li taghtha l-avviz tat-temm tal-impjieg taghha u mhux l-attrici, u li kienet is-socjeta' konvenuta li ma

hallithiex tissokta tahdem sakemm jaghlaq iz-zmien tal-avviz minkejja li l-attrici riedet li tibqa' tahdem, f'liema kaz hija ghandha dritt minghand il-principal ghal dik is-somma li tkun daqs in-nofs tal-pagi li kien ikollhom jithallsu lilha ghaz-zmien li jkun ghad jonqos sakemm ghalaq iz-zmien tal-avviz. Jirrizulta li fil-kaz tal-attrici hija kienet ilha mpjegata mas-socjeta' konvenuta sa mis-sena 1994, u z-zmien tal-avviz skond l-artikolu 36(5) tal-imsemmi Kap.452 kellu jkun ta' massimu ta' tnax –il gimgha. Ma kien hemm ebda kontestazzjoni li l-attrici fil-fatt ma hadmet xejn minn dan iz-zmien wara li kien sar l-avviz tat-temm tal-impjieg taghha indipendentement min mill-partijiet kien ta dan l-avviz. Ghalhekk skond ir-ragunijiet kif imfissra fl-avviz tat-talba taghha stess, l-attrici ghandha jedd ghall-hlas minghand is-socjeta' konvenuta kif stabbilit fl-artikolu 36(8) tal-Kap.452.

Irrizulta mill-provi li l-paga bazika tal-attrici sal-31 ta' Dicembru 2005, kienet ta' sittin liri Maltin u tmienja u erbghin centesimi (Lm60.48) fil-gimgha, illum ekwivalenti ghal €140.88 fil-gimgha. L-attrici ma gabet ebda prova ta' kemm kienet il-paga bazika taghha fil-gimgha matul is-sena 2006. Ghalhekk dan it-Tribunal ser jiffissa l-hlas dovut lill-attrici a bazi tal-paga bazika tal-attrici kif kienet fis-sena 2005, u skond din il-paga l-attrici ghandha dritt li tithallas minghand is-socjeta' konvenuta s-somma ta' tmien mija u hamsa u erbghin Euro u disa' u ghoxrin centesimi (€845.29) [€140.88 / 2 = €70.44 x 12 –il gimgha], u mhux is-somma li qed titlob ta' elf sitt mija u wiehed u tletin Euro u sitta u tmenin centesimi (€1631.86).

Wara li ra l-artikoli 3(2), 7(1), 9(2)(a)(3) tal-Kap.380.

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn maghmula it-talba attrici timmerita li tigi milqugha limitatament ghas-somma ta' tmien mija u hamsa u erbghin Euro u disa' u ghoxrin centesimi (€845.29), u mhux ghal elf sitt mija u wiehed u tletin Euro u sitta u tmenin centesimi (€1631.86) kif intalab fl-avviz tat-talba.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi l-kawza billi jilqa’ t-talba attrici limitatament ghas-somma ta’ tmien mija u hamsa u erbghin Euro u disa’ u ghoxrin centesimi (€845.29), u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta li thallas lill-attrici din is-somma, bl-imghaxijiet li ghandhom jiddekorru fuqha skond il-ligi b’effett mit-22 ta’ Mejju 2006 sal-effettiv pagament.

Dan it-Tribunal wara li qies ic-cirkostanzi kollha, jordna li l-spejjez jibqghu minghajr taxxa bejn il-partijiet ghajr ghall-ispejjez tas-sentenza parzjali tas-27 ta’ Mejju 2009, li ghandhom jibqghu regolati bil-mod kif kien hemm gie deciz.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------